

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Affarijiet Legali

2008/0082(COD)

5.11.2008

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 98/26/KE dwar il-finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli u d-Direttiva 2002/47/KE dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali rigward sistemi konnessi u talbiet għal kreditu.
(COM(2008)0213 – C6-0181/2008 – 2008/0082(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Aloyzas Sakalas

PA_Legam

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jitlob lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora fir-rapport tiegħu dawn l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal direttiva – att li jemenda

Artikolu 1 – punt -1 (ġdid)

Direttiva 2002/47/KE

Premessa 9 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-1) Għandha tiddaħħal il-premessa 9 a li ġejja :

"(9a) Bl-iskop li jitqiegħed limitu fuq il-piżijiet amministrattivi għall-partijiet li jkunu qed jużaw il-garanzija finanzjarja li taqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, l-uniku rekwiżit ta' perfezzjonament li l-liġi nazzjonali tista' timponi f'dak li għandu x'jaqsam mal-garanzija finanzjarja għandu jkun li l-garanzija finanzjarja tingħata, tiġi trasferita, tinżamm, tiġi rreġistrata, jew b'mod ieħor allokata b'mod li din tkun fil-pussess jew fil-kontroll ta' dik li parti li favurha ssir il-garanzija jew tal-persuna li tkun qed taġixxi bħala rappreżentata ta' min favur tiegħu tkun saret il-garanzija filwaqt li ma jiġux esklużi tekniki ta' garanzija fejn il-garanti jitħalla jissostitwixxi garanzija jew jirtira l-garanzija eċċessiva. Din id-Direttiva ma għandhiex tipprekludi lill-Istati Membri milli jirrikjedu li talba għal kreditu ssir permezz tal-inklużjoni tagħha f'elenku ta' talbiet.

Ġustifikazzjoni

Din l-emendai tiċċara li l-inklużjoni f'elenku bejn il-partijiet jista' jkollha l-funzjoni ta' għoti ta' kunsinna għal kreditu wkoll. Bħala riżultat tal-korp ta' din id-Direttiva, għal dak li għandu x'jaqsam mal-kunsinna ma tista' tintalab l-ebda formalità oħra aktar oneruża.

Emenda 2

Proposta għal direttiva – att li jemenda Artikolu 1 – punt 2 - punt a (ġdid)

Direttiva 98/26/KE

Artikolu 2 - punt a - inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-a) F'punt (a), l-inċiż 3 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

" - approvata, mingħajr preġudizzju għal kundizzjonijiet oħra aktar ħorox ta' implimentazzjoni ġenerali stabbiliti mil-liġi nazzjonali, bħala sistema u nnotifikata lill-Kummissjoni mill-Istat Membru li l-liġi tiegħu hija applikabbli, wara li dak l-Istat Membru jkun sodisfatt li r-regoli tas-sistema jkunu addattati. Sistema li hija stabbilita b'att legali tal-BĊE u rregolata mil-liġi ta' Stat Membru għandha tkun approvata (u nnotifikata lill-Kummissjoni) mill-BĊE."

Emenda 3

Proposta għal direttiva – att li jemenda Artikolu 1 – Punt 6

Direttiva 98/26/KE

Artikolu 10

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw is-sistemi, u l-operaturi tas-sistemi rispettivi, li għandhom ikunu inklużi fl-ambitu ta' din id-Direttiva u għandhom jinnotifikawhom lill-Kummissjoni u jinformaw lill-Kummissjoni bl-awtoritajiet li jkunu għażlu skond l-Artikolu 6(2).

L-Istati Membri, **jew il-BĊE, meta sistema hija stabbilita b'att legali tal-BĊE**, għandhom jispeċifikaw is-sistemi, u l-operaturi tas-sistemi rispettivi, li għandhom ikunu inklużi fl-ambitu ta' din id-Direttiva u għandhom jinnotifikawhom lill-Kummissjoni u jinformaw lill-Kummissjoni bl-awtoritajiet li jkunu għażlu skond l-Artikolu 6(2).

PROĊEDURA

Titolu	Sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli u arranġamenti finanzjarji kollaterali
Referenzi	COM(2008)0213 – C6-0181/2008 – 2008/0082(COD)
Kumitat responsabbli	ECON
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 8.5.2008
Rapporteur ta' opinjoni: Data tal-ħatra	Aloyzas Sakalas 25.6.2008
Eżami fil-kumitat	13.10.2008
Data ta' l-adozzjoni	4.11.2008
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 25 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Carlo Casini, Titus Corlăţean, Bert Doorn, Monica Frassoni, Giuseppe Gargani, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Neena Gill, Othmar Karas, Klaus-Heiner Lehne, Katalin Lévai, Antonio López-Istúriz White, Antonio Masip Hidalgo, Hans-Peter Mayer, Manuel Medina Ortega, Aloyzas Sakalas, Francesco Enrico Speroni, Diana Wallis, Jaroslav Zvěřina, Tadeusz Zwiefka
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Sharon Bowles, Eva Lichtenberger, Rareş-Lucian Niculescu, Georgios Papastamkos, Gabriele Stauner, József Szájer, Jacques Toubon, Renate Weber